MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 775/2007

**Carmel Briffa, karta ta' l-identita'numru 519076M u Stephanie Briffa, xebba Decelis, karta ta' l-identita' numru 596677M**

***kontra***

**Joseph Cardona, karta ta' l-identita' numru 40347M, u Carmen Cardona karta ta' l-identita' 1071547M u ghal kull interess li jista' jkollu Louis Muscat, u b'digriet tat-23 ta' Frar 2009 giet kjamata fil-kawza l-kumpannija N.I.B. Company Limited**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors mahluf presentat fid-19 ta' Lulju 2007 li jaqra hekk -

*1. Illi in forza ta' kuntratt ippublikat min-Nutar Dottor Mario Bugeja fis-7 ta' Settembru 2005, l-intimati konjugi*

*Cardona bieghu lill-esponenti l-fond numru tlieta u tmenin (83) gia' maghruf "Carriage Inn" fi Triq Karm Galea, Birkirkara, kopja ta' l-kuntratt esebit DOK A. Fost il-kundizzjonijiet jirrizultaw dik numru 7 li taqra: "The garage number eighty five (85) is to be used only as a car garage and no change of use can be applied for by the seller or their successors in title. This condition is to be imposed on any future transfer."*

*2. Illi jirrizulta li l-intimat Louis Muscat applika ghal permess ta' zvilupp ta' change of use ghal "hairdressing salon" u nghata permess mill-Awtorita' ta' Malta ghall-Izvilupp u l-Ippjanar.*

*L-esponenti interponew appell tat-terz, kopja tal-permess esebit DOK B kif ukoll kopja tal-appell ta' l-esponenti DOK C ;*

*3. Illi dan il-fatt illi saret l-applikazzjoni mill-intimat Muscat saret bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 7 fuq imsemmi u li taghti bazi ghalhekk ghall-operabilita' tal-kuntratt fis-sens illi l-intimati kollha ghandhom jigu projbiti milli juzaw il-garage ghal skop iehor hlief dak ta' car garage ;*

*4. Illi l-intimati konjugi Cardona interpellati qatt ma zvelaw jekk ittrasferewx il-propjeta' jew b'liema titolu huma ghaddew il-propjeta'. Huwa cert illi l-intimat Muscat applika lill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u presumibilment ghandu titolu jew interess li ghalhekk jillegittima l-presenza tieghu fil-kawza ;*

*5. Illi l-artikolu imsemmi jorbot kemm lill-intimati kif ukoll lis-successuri taghhom fit-titolu.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti li joghgobha :*

*1. Tiddikjara u tiddecidi illi l-fatti kif fuq esposti jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-kuntratt fuq imsemmi in konnessjoni mal-fond propjeta' fuq indikat ;*

*2. Tikkundanna taht dawk is-sanzjonijiet u penalijiet li l-Qorti jidhrilha xierqa lill-intimati solidament sabiex ma jaghmlux uzu divers minn dak patwit fil-kuntratt u cioe' uzu biss bhala "car garage" ;*

*3. Taghti dawk ir-rimedji u direttivi inkluzi l-applikazzjoni tal-Mandat In Procintu sabiex jithares it-twettiq ta' l-artikolu 7 fuq imsemmi.*

*Bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi.*

*L-intimati ngunti ghas-subizzjoni.*

**Rat** il-lista tax-xhieda indikati mill-atturi flimkien mad-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

**Rat** ir-risposta mahlufa tal-konvenut Louis Muscat prezentata fis-<u>6 ta' Settembru 2007</u> li taqra hekk –

*1. <u>Dwar il-Fatti</u> :*

*1.1. Illi l-fatti kif dikjarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati ;*

*1.2. Illi l-fatti kif dikjarati fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici ma humiex kontestati b'dan li ghandu jigi pprecizat li l-esponent ottjena permess validu mill-Awtorita' tal-Ippjanar ;*

*1.3. Illi l-fatti kif dikjarati fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici huma kkontestati billi l-eccipjent ma vvjola l-ebda kuntratt li kien jorbtu. Il-klawsola imsemmija mill-atturi ma tohloq ebda rbit fuq l-eccipjenti ;*

*1.4. Illi l-fatti kif dikjarati fir-raba' u l-hames paragrafi tad-dikjarazzjoni attrici huma kontestati. B'mod partikolari jinghad li l-klawsola msemmija ma tohloq ebda rbit fil-konfront ta' Louis Muscat u/jew il-kumpannija N.I.B. Company Limited. Kif jirrizulta mill-kuntratt anness immarkat bhala dokument NIB1, il-kumpannija N.I.B. Company Limited akkwistat il-propjeta' in kwistjoni minghand Joseph u Carmen Cardona fit-13 ta' Gunju*

*2007 f'liema kuntratt ma hemm ebda rbit bhal dak premess mill-atturi. L-atturi ma ghandhom l-ebda jedd li jesigu li l-esponenti jirrestingu l-uzu minnhom maghmul fuq il-fond in kwistjoni.*

*2. Eccezzjonijiet :*

*2.1. Preliminarjament li l-intimat Louis Muscat personalment ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi l-propjeta' in kwistjoni giet akkwistata mill-kumpannija N.I.B. Company Limited, dan kif jirrizulta mill-anness dokument NIB1.*

*2.2. Illi fi kwalsiasi kaz, li l-klawsola msemmija mill-atturi u li hi nkorporata fil-kuntratt premess mill-attur li gie konkjuz bejniethom u l-intimati ma taghmel ebda stat fil-konfront ta' Louis Muscat u/jew il-kumpannija N.I.B. Company Limited u li ma tiswix ghalhekk biex torbot lil Louis Muscat u/jew il-kumpannija N.I.B. Company Limited.*

*2.3. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, l-obbligazzjoni kompriza fil-klawsola numru 7 premessa mill-atturi tinvolvi obbligazzjoni ta' natura personali u ma tiswiex biex tohloq piz fuq il-propjeta' mertu tal-kawza.*

*2.4. Illi l-obbligazzjonijiet gravanti l-propjeta' akkwistata minn Louis Muscat u/jew il-kumpannija N.I.B. Company Limited huma biss dawk li jirrizultaw mill-anness dokument NIB1.*

*2.5. Illi ma hemm l-ebda lok li din l-Onorabbli Qorti taghmel xi ordni kif mitluba mill-atturi fil-konfront tal-eccipjent.*

*2.6. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

**Rat** il-lista tax-xhieda indikati mill-konvenut Louis Muscat u d-dokument prezentat mar-risposta mahlufa tieghu.

**Rat** ir-risposta mahlufa tal-konvenut Joseph Cardona presentata fis-6 ta' Dicembru 2007 li taqra hekk –

*Dwar il-Fatti :*

*1.1. Illi l-fatti kif dikjarati fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-atturi mhumiex kontestati pero' huwa kontestat li l-ftehim kien biss li ma kellux isir uzu tal-fond bhala restaurant jew bar u ma kienx jirrigwarda affarijiet ohra. Huwa minnu li l-kliem fil-kuntratt nizel kif hemm deskritt fid-dikjarazzjoni imma dan il-kliem ma jirriflettix fedelment il-ftehim li kien intlahaq bejn il-partijiet waqt li kien qed isir il-bejgh.*

*1.2. Illi dwar il-fatti msemmija fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-atturi dawn jirrigwardaw biss lill-intimat Louis Muscat u l-konvenut Joseph Cardona mhux f'posizzjoni li jikkummenta dwarhom.*

*1.3. Illi l-fatti kif kontenuti fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-atturi huma kontestati billi l-eccipjent Joseph Cardona ma ghandux x'jaqsam xejn ma' dak li seta' ghamel Louis Muscat.*

*1.4. Illi l-fatti kif kontenuti fir-raba' paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-atturi huma kontestati fis-sens li huma ma kienu taht l-ebda obbligu jinfurmaw lill-atturi bit-trasferiment tal-propjeta' taghhom imma fi kwalsiasi kaz it-trasferiment minnhom tal-propjeta' taghhom kien sar b'att pubbliku u kienu jistennew li l-atturi jottjenu kopja tieghu billi jaghmlu d-debiti ricerki.*

*1.5. Illi ghaldaqstant l-eccipjent jeccepixxi :*

*1. In-nuqqas ta' interess tal-konvenut billi huwa ma ghadux propjetarju tal-garaxx in kwistjoni.*

*2. Illi fi kwalsiasi kaz huma kellhom kull dritt bhala propjetarji jittrasferixxu lil terzi il-propjeta' taghhom u ghalhekk ma huma qed jaghmlu l-ebda tort lill-atturi.*

*3. Ghalhekk it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda billi nfondati fil-fatt u fid-dritt.*
*4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

**Rat** il-lista tax-xhieda indikati mill-konvenut Joseph Cardona.

**Rat** id-digriet moghti fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2009, fejn wara rikors tal-atturi tat-12 ta' Frar 2009, mhux oppost, din il-Qorti ordnat il-kjamata fil-kawza tal-kumpannija N.I.B. Company Limited.

**Rat** li fl-istess udjenza, Louis Muscat bhala rapprezentant tal-kumpannija N.I.B. Company Limited ghamel tieghu l-eccezzjonijiet li kien ressaq f'din il-kawza bhala konvenuta fil-kwalita' personali tieghu.

**Rat** li ghalkemm il-konvenuta Carmen Cardona kienet notifikata skond il-ligi bir-rikors promotorju, hija baqghet kontumaci.

**Qieset** il-provi li ressqu l-partijiet.

**Rat** in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi prezentata fit-13 ta' Jannar 2009.

**Rat** in-nota ta' osservazzjonijiet li l-konvenut Louis Muscat u l-kumpannija N.I.B. Company Limited ipprezentaw flimkien fit-13 ta' Mejju 2009.

**Rat** ir-replika tal-atturi tal-25 ta' Awissu 2009.

**Rat** l-atti ta' l-kawza fl-assjem taghhom.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tad-29 ta' Settembru 2009, fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat –**

L-atturi qed iressqu l-istanza taghhom kontra l-partijiet l-ohra fil-kawza abbazi tal-kuntratt tas-7 ta' Settembru 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja (fol 5 et seq) u abbazi tal-evidenza tax-xhud principali taghhom li huwa Alfred Decelis, li jigi missier l-attrici. Skond dak il-kuntratt, l-atturi

xtraw u akkwistaw minghand il-konvenuti Joseph u Carmen Cardona l-fond 83, Carriage Inn, Triq Karmenu Galea, Birkirkara.

In partikolari, l-atturi qed isostnu li abbazi tal-klawsola 7 ta' dak il-kuntratt, garage bin-Nru.85 (li ma kienx il-fond akkwistat mill-atturi) u li huwa sottopost ghall-fond li xtraw l-atturi ma setax jintuza hlief bhala *car garage* kemm mill-vendituri Cardona kif ukoll minn kull persuna ohra li takkwista wara dak l-istess garage.

Il-klawsola 7 in kwistjoni taqra hekk –

*The garage number eighty five (85) is to be used only as a car garage and no change of use can be applied for by the seller or their successors in title. This condition is to be imposed on any future transfer.*

Fil-kuntratt jinghad ukoll li l-fond in vendita *overlies three garages property of the vendors.*

Fit-13 ta' Gunju 2007 sar kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar (fol 25 et seq) fejn il-vendituri konvenuti Cardona bieghu u ttrasferew a favur tal-kumpannija kjamata fil-kawza N.I.B. Company Limited rapprezentata fuq l-att mill-konvenut Louis Muscat il-garage 85, Triq Karm Galea, Imriehel, limiti ta' Birkirkara.

Fost pattijiet ohra, fil-kuntratt jinghad hekk –

*Il-partijiet jiftehmu illi dan il-kuntratt qed isir bil-patt resoluttiv li l-garage jista' jintuza bhala hairdresser salon. Ghal kull buon fini jinghad li l-garage ghandu permess mahrug mill-Malta Environment and Planning Authority Numru PA 928/07 …*

Issa l-atturi qed jikkontendu li dak il-patt imur kontra l-klawsola 7 tal-kuntratt tal-akkwist taghhom u ghalhekk ressqu l-ewwel talba segwita minn zewg talbiet ohra ntizi biex jolqtu lill-partijiet l-ohra solidament bejniethom.

**Ikkunsidrat –**

Din il-Qorti tghid li jirrizulta ben car min-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet li l-kwistjoni ta' bejniethom hija wahda ta' dritt ghalkemm hemm xi aspetti ta' fatti li se taccenna ghalihom 'il quddiem.

Min-naha wahda, l-argument tal-atturi huwa li l-klawsola 7 tinvesti kwistjoni li tolqot il-propjeta' mhux il-persuna, ghandha portata ta' servitu', u ghaldaqstant ghalkemm fil-kuntratt tat-13 ta' Gunju 2007 mhux biss ma gietx menzjonata anzi bil-maqlub giet vjolata bl-inkluzjoni ta' klawsola *ad hoc* dwar l-uzu divers tal-garage 85, dik il-vjolazzjoni ggib in-nullita' tal-klawsola *ad hoc* inserita fil-kuntratt tal-13 ta' Gunju 2007. Ghalhekk il-klawsola 7 kienet enforzabbli mhux biss kontra l-vendituri konvenuti Cardona izda *erga omnes.*

Min-naha l-ohra il-konvenut Muscat u l-kjamata fil-kawza N.I.B. Company Limited jikkontendu li l-klawsola 7 kienet obbligazzjoni personali li kienet tolqot biss lill-konvenuti Cardona fil-kaz ta' vjolazzjoni da parti taghhom ta' dik il-klawsola. Dik id-disposizzjoni ma kenitx *erga omnes* u ma kenitx tikkostitwixxi servitu'. Sabiex l-applikazzjoni ta' dik il-klawsola setghet tigi estiza ghal terzi, kellha bilfors tkun inkluza <u>specifikament</u>, accettanti t-terzi, fil-kuntratt tat-trasferiment tat-titolu tal-fond 85. Fil-kaz in esami, dan ma setax ikun stante li l-kumpannija akkwirenti xtrat <u>propju</u> bl-intiza li l-garage jintuza bhala *hairdressing salon*.

**Ikkunsidrat –**

Qabel ma tittenta ssib tarf tal-vertenza, din il-Qorti se tittratta xi aspetti ta' fatt li hargu mill-provi.

Fl-evidenza tieghu, Alfred Decelis xehed li l-fond akkwistat mill-atturi kien mezzanin sovrapost ghal tliet garages propjeta' tal-konvenuti Cardona. L-atturi ma riedux jixtru l-fond 83 jekk dawk il-garages fosthom il-fond 85 isiru hwienet. Fiz-zmien li gew biex jakkwistaw l-atturi, il-konvenuti Cardona setghu jintrabtu dwar wiehed biss u cioe' l-85 u ghalhekk saret il-klawsola 7. Meta xi zmien wara li akkwistaw, skoprew li mal-garage 85 twahhal l-

avviz ta’ l-applikazzjoni tal-konvenut Muscat ghal *change of use* tal-garage ghal *hairdressing salon* saret oggezzjoni lill-MEPA. Skond Alfred Decelis, meta kellem lill-konvenut Muscat, dan deher li kien jaf bil-kuntratt tal-atturi. Muscat akkwista xorta ghalkemm Decelis avzah b’kollox. Il-MEPA harget il-permess ghal *change of use* u l-atturi ressqu appell li ghadu pendenti. Mill-atti tal-MEPA, jirrizulta li c-*change of use* kienet awtorizzata fit-13 ta’ April 2007 b’emenda li saret fl-4 ta’ Settembru 2007 wara applikazzjoni li ressaq il-konvenut.

Persuna li xehdet fil-kawza kienet is-sensara Josephine Borg l-aktar dwar x’kien diskuss bejn l-atturi u l-konvenuti Cardona dwar l-uzu tal-garage. In partikolari, xehdet li l-konvenut Cardona kien insista li l-klawsola li kellha tidhol fil-kuntratt mal-atturi kellha tkun fis-sens li ma jinfethux hwienet bhala grocer, tal-haxix, tal-kimika jew li jaghmlu l-istorbju. Dwar dan izda ma tnizzel xejn fil-kuntratt.

Fix-xhieda tieghu, Louis Muscat xehed li qabel sar il-kuntratt tal-akkwist tal-garage 85 kien sar konvenju fejn il-partijiet kienu ftehmu li l-uzu tal-fond kellu jkun ta’ hairdressing salon u li jekk il-MEPA ma kenitx se taghti l-permess ghal *change of use* ma kienx interessat fl-akkwist.

Meta xehed, Alfred Decelis insista li mal-konvenuti Cardona il-ftehim kien li l-fond 85 jintuza bhala *car garage* biss u ghal ebda tip ta’ negozju.

**Ikkunsidrat –**

Qabel ma tittratta t-tema centrali ta’ din il-kawza, din il-Qorti se tqis u tiddeciedi dwar xi eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti.

**I. <u>Il-*locus standi* tal-konvenut Louis Muscat personalment</u>**

Mill-kuntratt tat-13 ta’ Gunju 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar jirrizulta kjarament li l-kompratur tal-fond 85 ma kienx il-konvenut Louis Muscat personalment izda l-

istess Louis Muscat bhala rapprezentant tal-kumpannija kjamata fil-kawza.  Mela jekk l-atturi qed isostnu li l-klawsola 7 tal-kuntratt tas-7 ta' Settembru 2005 kienet torbot lis-successuri fit-titolu tal-fond 85 u ladarba rrizulta li Louis Muscat qatt ma akkwista fil-kwalita' personali tieghu, allura ma hemmx dubbju li l-atturi harrku lill-konvenut Muscat inutilment.  Huwa minnu li meta ressaq l-applikazzjoni lill-MEPA ghal *change of use* tal-garage 85, Muscat ma ndika mkien li kien qed jagixxi fl-interess ta' kumpannija, fl-istess waqt il-pretensjoni tal-atturi mhix intiza biex tolqot lill-applikant lill-MEPA izda lis-successur fit-titolu tal-fond 85 li kienet il-kumpannija kjamata fil-kawza.

Ghalhekk din il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Louis Muscat u ghar-ragunijiet moghtija tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, spejjes ghall-atturi.  Ladarba din il-Qorti hekk qeghda tiddeciedi ma hemmx lok li tghaddi sabiex tiddeciedi dwar l-eccezzjonijiet l-ohra tal-istess konvenut Muscat.

**II. <u>L-eccezzjoni tal-karenza ta' interess li ressaq il-konvenut Joseph Cardona</u>**

Fis-sentenza fil-kawza **<u>"Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija"</u>** deciza minn din il-Qorti (PA/JRM) fit-18 ta' Jannar 2001 jinghad hekk –

*Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru l-interess ta' l-attur f'kawza huma tlieta u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, l-interess irid ikun dirett u personali, u li dak l-interess ikun attwali.*

*B'tal-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-esistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor.  Dan l-interess m'hemmx ghgalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "Falzon Sant Manduca vs Weale" deciza fid-9 ta' Jannar 1959 (Vol.XLIII.I.11)]*

*Illi minbarra dawn l-elementi gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar il-motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu ssir it-talba [PA/JSP – "Tonna vs Grixti" – 13 ta' Marzu 1992 – Vol.LXXVI.III.592]*

Issa fil-kawza tal-lum, l-atturi qed jallegaw li bil-kuntratt tat-13 ta' Gunju 2007 mal-kjamata fil-kawza, il-konvenuti Cardona kisru l-klawsola 7 tal-kuntratt tas-7 ta' Settembru 2005 li ghamlu maghhom. Min-naha tieghu, il-konvenut Cardona qed ighid li ghax huwa biegh il-fond 85 lill-kjamata fil-kawza, gie karenti l-interess tal-atturi li jipprocedu kontrih. Din il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut Cardona. Jekk il-klawsola 7 tinkorpora obbligazzjoni personali, allura certament il-konvenuti jibqghu l-legittimi kontraditturi tal-atturi u jridu jwiegbu huma biss ghall-pretensjoni tal-atturi. Jekk dik il-klawsola 7 hija obbligazzjoni li tolqot il-propjeta' u allura *erga omnes* l-allegat ksur ta' dik il-klawsola huwa persegwibbli kontra l-partijiet l-ohra kollha nkluz il-konvenuti Cardona. Mela ma hemm l-ebda karenza ta' interess fl-azzjoni tentata mill-atturi.

Fis-sentenza **<u>"Fenech Adami vs Abela"</u>** moghtija fis-6 ta' Ottubru 1999 (Vol.LXXXIII.II.331) il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa <u>l'utilita' finale</u> della domanda giudiziale nel tema dell'asserita esistenza o violazione del diritto.*

*Illi ... huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm <u>dritt legali</u> li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista' jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta' awtorita' gudizzjarja.*

Ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Lulju 1952 (Vol.XXXVI.II.493) fil-kawza **<u>"Baldacchino vs Bellizzi"</u>**. Hekk ukoll fis-sentenza **<u>"Eminyan vs Mousu`"</u>** (Qorti tal-Appell – 28 ta' Frar 1997 – Vol.LXXI.II.429) u fis-sentenza **<u>"Scerri et vs Farrugia"</u>** (PA/RCP – 1 ta' Ottubru 2002) fejn kien affermat hekk –

*l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' xi dritt* (enfasi ta' din il-Qorti) *li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali.*

Huwa indikat ukoll l-insejament tas-sentenza tat-13 ta' Frar 1953 fil-kawza **"Manche` noe vs Montebello"** moghtija mill-Qorti tal-Appell fejn inghad li sabiex ikun hemm interess legali, ir-rizultat tal-azzjoni proposta jrid ikun utili u vantaggjuz ghall-istanti.

**In vista tal-premess, tichad l-eccezzjoni dwar karenza ta' interess fl-istanza attrici sollevata mill-konvenut Joseph Cardona**.

**III. Il-ftehim bejn l-atturi u l-konvenuti Cardona**

Il-konvenut Cardona jikkontendi li dak li tnizzel fil-klawsola 7 *ma jirriflettix il-ftehim li kien intlahaq bejn il-partijiet waqt li kien qed isir il-bejgh* (ara 1.1. fol 40). Evidentement kien qed jirreferi ghall-kwistjoni tal-uzu tal-fond. Issa, apparti kull konsiderazzjoni ohra ta' natura legali dwar il-portata tal-klawsola 7 li fir-realta' huwa l-pern kollu ta' din il-kawza, dak li nkiteb f'dik il-klawsola kontrattata bejn l-atturi u l-konvenuti Cardona huwa car. Propju minhabba f'hekk ma hi ammissibbli l-ebda prova kontra l-miktub – *contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur* (**"Hazan vs Ebejer"** – Qorti tal-Kummerc – 18 ta' Jannar 1892 ; **"Gatt vs Galea"** – Appell Civili – 14 ta' April 1975 u **"Mifsud vs Rizzo"** – Appell Civili – 12 ta' Marzu 1984).

L-eccezzjonijiet ghal din ir-regola huma dawn –

i) Meta l-kuntratt jew ftehim ikun vizzjat minn frodi jew altrimenti null ghal xi raguni valida fil-ligi (**Vol.XVI.II.90** u **Vol.XXVII.I.275**).

ii) Meta l-kuntratt jew ftehim ikun simulat (**Vol.XXIX.II.1203** u **Vol.XXXII.I.138**).

iii) Meta s-sinjifikat tal-kitba jkun ambigwu jew il-kitba jkun fiha partijiet kontradittorji (**Vol.XXVI.I.414** u **Vol.XXXIII.I.542**).

iv) Meta jkun irid jigi pruvat xi patt incidentali jew sekondarju li pero' ma jkunx inkonciljabbli mal-iskritt (**Vol.XXX.I.634** u **Vol.XXIII.I.870**).

v) Meta jkun hemm ftehim verbali li jammonta ghal kondizzjoni li subordinatament saret il-konvenzjoni miktuba, u li minnha tiddependi l-ezekuzzjoni ta' dik il-konvenzjoni (**Vol.XLIV.I.267**).

**Ghal din il-Qorti ma tirrizulta l-ebda wahda minn dawn l-eccezzjonijiet u ghalhekk il-klawsola 7 tapplika kif inhi u kif miktuba minghajr xejra ohra ta' interpretazzjoni**.

**Ikkunsidrat –**

Fid-darbtejn li l-atturi ghamlu sottomissjonijiet bil-miktub, l-atturi ghamlu insistenza fuq il-fatt li huma kkontrattaw mal-konvenuti Cardona in bwona fede. Isostnu li l-kondizzjoni nkorporata fil-klawsola 7 hija fin-natura ta' dritt reali impost fuq il-propjeta' li allura ssegwi il-propjeta' - tkun f'idejn min tkun. Jaccettaw li l-kondizzjoni ma gietx kostitwita formalment bhala servitu' bejn zewg fondi adjacenti izda, skond l-atturi, hija limitazzjoni inerenti ghall-uzu tal-propjeta' li takkwista l-karattru ta' dritt u obbligazzjoni reali. Kien id-dmir tal-akkwirent tal-fond 85 li jara mhux biss it-titolu izda anke l-kondizzjoni tat-titolu. Il-klawsola 7 tohloq dritt reali fin-natura ta' servitu` bil-fond dominanti huwa it-83 u dak servienti l-85. Ghalhekk id-dritt reali ta' servitu kien sodisfatt kemm formalment kif ukoll fis-sostanza.

Fis-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub, il-konvenut Muscat u l-kjamata fil-kawza jinsistu li l-klawsola 7 kienet tigbor fiha obbligazzjoni personali mhux reali u allura dak il-ftehim kien jirrigwarda biss dak il-propjetarju mhux terzi. Isostnu li l-klawsola de qua ma kenitx kostitwita bhala servitu` praedjali u allura ma kienet timporta l-ebda obbligu iehor ghajr dak personali. Fir-rigward ta'

successuri kien l-obbligu ta' l-vendituri Cardona li jimponu dik il-kondizzjoni fil-kuntratt peress li ma kenitx tghaddi mill-ewwel mat-trasferiment tal-immobbli. Kontra taghhom, l-atturi ma kellhom l-ebda azzjoni ; kellhom biss azzjoni ghal danni kontra l-konvenuti Cardona. Ladarba l-klawsola 7 ma kenitx timponi servitu', allura kienet tolqot biss il-persuna.

**Ikkunsidrat –**

Id-dritt prospettat mill-atturi huwa dritt reali immobbiljari cioe' huwa *jus in re* konsistenti f'poter dirett u immedjat fuq il-haga stess u ghalhekk dritt assolut u mpersonali li jezisti fil-konfront ta' kulhadd bil-konsegwenza li skond l-atturi l-azzjoni relattiva ghall-konservazzjoni ta' dak id-dritt hi ezercibbli kontra kull possessur tal-haga soggetta ghal dak id-dritt.

Id-dritt ta' servitu' hu definit bhala jedd stabbilit ghall-vantagg ta' fond fuq fond ta' haddiehor sabiex isir uzu minn dan il-fond ta' haddiehor jew sabiex ma jithalliex li sidu juza minnu kif irid (Art.400[1] tal-Kap.16) Huwa allura car li biex tinholoq servitu jehtieg li jkun hemm fond servjenti li ghandu jissaporti l-uzu tieghu u fondi dominanti li u dak li a vantagg tieghu tigi mahluqa s-servitu'.

Skond il-ligi, ftehim dwar drittijiet reali, bhal ma huma servitujiet, iridu jirrizultaw minn kuntratt pubbliku. Kull ftehim jehtieg kunsens tal-partijiet biex ikun validu, u dak il-kunsens irid ikun manifestat fil-forma li trid il-ligi. F'dan il-kaz, il-ligi trid li l-kunsens jintwera f'forma solenni, u jekk din ma tirrizultax, allura ma jista' jirrizulta ebda ftehim vinkolanti.

Fin-noti ta' sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet, kienet indikata sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' April 1995 fil-kawza **"Darmanin vs Zammit et"**.

Din il-Qorti ezaminat il-fatti u l-konsiderazzjonijiet ta' dritt attinenti ghall-kaz u tghid li dik is-sentenza tapplika *mutatis mutandis* ghall-kaz tal-lum. Ghalhekk se tqisha *in extenso* ghall-fini tal-kawza tal-lum.

F'dik il-kawza, l-attur biegh lill-konvenut Zammit l-arja ta' fond u impona fuqu l-obbligu li f'dik l-arja ma jibnix aktar minn sular wiehed. Zammit osserva din il-kondizzjoni. Zammit biegh il-fond li bena lill-konvenut l-iehor Cutajar izda fil-kuntratt ma tnizzlet l-ebda projbizzjoni dwar l-gholi tal-kostruzzjoni. Hekk kif Cutajar beda jibni kamra ohra fuq il-bejt, l-attur fetah il-kawza biex jenforza l-kundizzjoni mposta fil-kuntratt originali dwar id-divjet ta' bini oghla minn sular.

Issa f'dik il-kawza l-immobbli baqa' l-istess fis-sens li l-istess propjeta' giet trasferita minn Darmanin lil Zammit u minn Zammit lil Cutajar. Fil-kaz tal-lum, id-differenza sostanzjali tinsab fil-fatt li ghalkemm il-fond tal-kuntratt bejn l-atturi u l-konvenuti Cardona kien l-83 u fil-kuntratt kien hemm il-klawsola 7 li kienet tirrigwarda fond divers u cioe' l-85, il-fond tal-kuntratt bejn il-konvenuti Cardona u l-kjamata fil-kawza kien l-85. U mhux kontestat li meta dahlet il-klawsola 7 fil-kuntratt tal-bejgh tal-fond 83, ma kienet registrata l-ebda servitu' sabiex taggrava l-fond 85, ghalkemm is-sidien ta' dak il-fond kienu l-konjugi Cardona.

Fis-sentenza **"Darmanin vs Zammit et"** kien deciz li l-kundizzjoni msemmija fl-ewwel kuntratt ma kenitx tikkwalifika bhala kosituzzjoni ta' servitu' praedjali ghaliex fiha kien hemm nieqes l-element ta' fond dominanti li favur tieghu l-allegat servitu' giet istitwita. Biex ikun hemm ir-rabta fuq kull minn jissucciedi l-propjetarju tal-fond servjenti, irid dejjem ikun hemm il-fond dominanti li l-fond l-iehor ghandu jservi. Inoltre dan l-ahhar element irid jirrizulta minn registrazzjoni fit-Registru Pubbliku.

Din il-Qorti tirrileva li f'dik il-kawza l-konvenut Cutajar ressaq zewg eccezzjonijiet ewlenin : (1) li l-projbizzjoni ma kenitx tirrizulta fil-kuntratt, posizzjoni similment adottata fil-kawza tal-lum mill-konvenut Muscat u mill-kjamata fil-kawza, kif ukoll (2) li l-kundizzjoni projbittiva kienet wahda personali li ma kenitx torbot lilu.

Fis-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti f'dik il-kawza, kien rilevat li dik l-obbligazzjoni kienet tammonta ghal servitu' li ma tidhirx skond l-Art.455(5) tal-Kap.16 u kienet trasmissibbli lis-successuri kollha tal-venditur kemm jekk il-propjeta' tkun akkwistata b'titolu *inter vivos* kemm jekk *causa mortis*.

L-Ewwel Qorti kompliet tghid hekk –

*… Mill-atti jidher ukoll li l-kundizzjoni imposta mill-istess attur ma gietx riprodotta fil-kuntratt ta' bejgh meta xtara l-konvenut Cutajar*

(kif gara fil-kaz tal-lum)

*Meta gie ppubblikat il-kuntratt ... il-konvenut Cutajar kien obbligat li jaghmel ricerka sewwa tat-titolu tal-venditur biex jigi stabbilit jekk kinux jezistu xi servitujiet fuq il-propjeta' minnu akkwistata.*

(Fil-kaz tal-lum, il-kjamata fil-kawza ghamlet ricerki dwar il-fond 85 li kienet se takkwista u ma sabet l-ebda taghrif avvers li kien jeffettwa t-titolu taghha).

Skond l-Ewwel Qorti,

*Cutajar naqas li jiehu dawk il-prekawzjonijiet mehtiega sabiex jassigura li dak li kien qed jixtri ma kienx milqut minn xi restrizzjonijiet. Inoltre ghandu jinghad li meta l-istess konvenut gie infurmat mill-attur bis-servitu' altius non tollendi li kienet giet imposta fil-kuntratt ta' bejgh originali, dan webbes rasu u baqa' sejjer bix-xogholijiet minnu intraprezi. Fil-konfront ta' Zammit il-Qorti ssib li huwa wkoll responsabbli in kwantu naqas li jinforma lil Cutajar bil-limitazzjoni li kienet imposta fuq il-propjeta'. Ghalhekk Zammit ittrasferixxa biss id-drittijiet li huwa kellu u ma jirrizultax li f'xi hin semma l-fatt li ma setax jibni f'gholi ta' aktar minn sular ...*

Fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti tat ragun lill-atturi.

Iz-zewg konvenuti appellaw.

Fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Appell, wara li ghamlet riferenza ghall-Pacifici Mazzoni – *Trattato delle Servitu' Praediali* u Laurent – *Diritti Reali – Delle Servitu`*, irribadiet il-principju fl-ewwel lok li sabiex ikun hemm servitu` praedjali, irid ikun hemm fond dominanti li favur tieghu s-suppost servitu` giet istitwita, element li f'dik il-kawza rrizulta nieqes, fit-tieni lok, l-obbligazzjoni mertu ta' dik il-kawza ma kenitx tammonta ghal servitu` *billi trid attwalment tikkostitwixxi servitu`*, u fit-tielet lok, ir-rabta ta' fond dominanti ma' fond servjenti trid tirrizulta minn registrazzjoni fir-Registru Pubbliku.

Ghalhekk l-appell kien milqugh, is-sentenza fl-ewwel istanza kienet revokata u t-talbiet attrici michuda.

Issa fil-kaz tal-lum kien hemm zewg fondi (mhux wiehed) u cioe' il-fond 83 u l-fond 85.

L-atturi allura jressqu l-argument, b'riferenza ghal din is-sentenza, li ladarba l-uzu tal-fond 85 kien ristrett bl-inkluzjoni tal-klawsola 7 fil-kuntratt tat-trasferiment tal-fond 83, ghall-fini tal-klawsola 7 bhala kostituzzjoni ta' servitu`, il-fond 83 sar il-fond dominanti bil-fond 85 ikun il-fond servjenti u allura dak deciz fis-sentenza **"Darmanin vs Zammit et"** (anke mill-Qorti tal-Appell) ma kienx avvers ghall-istanza taghhom.

Din il-Qorti ma taqbilx.

Jekk tassew l-intenzjoni taz-zewg partijiet ghall-kuntratt tas-7 ta' Settembru 2005 li kien jirrigwarda l-fond 83 kienet li l-klawsola 7 tkun servitu` gravanti l-fond 85 a favur tal-fond 83, u allura ezercibbli *erga omnes,* din il-Qorti ma tifhimx ghaliex ma giet registrata skond il-ligi fir-Registru Pubbliku l-ebda servitu` kontra l-fond 85, sabiex bis-sahha taghha l-fond 83 isir il-fond dominanti u l-fond 85 ikun il-fond servienti. U dan seta' jsir ghaliex fl-isfond tal-klawsola 7 seta' kien hemm servitu` negattiv skond l-Art.456(2) tal-Kap.16 li jghid hekk – *Is-servitujiet negattivi huma dawk li jikkonssisti fil-jedd li wiehed ma jhallix lil sid il-fond servienti jinqeda bih kif irid.*

Issa t-test tal-Art.458 tal-Kap.16 huwa car u jaqra hekk –

*It-titolu li bih tigi mnissla servitu` hu null jekk ma jidhirx minn att pubbliku ; u jekk is-servitu` tigi mnissla minn att inter vivos, din is-servitu` ma tibdiex issehh kwantu ghal terzi qabel ma' l-att jigi insinwat fir-Registru Pubbliku skond l-artikolu 330, fuq talba ta' wahda mill-partijiet interessati, jew tan-nutar li jkun ircieva l-att.*

Minn dan kollu ma jirrizulta li sar xejn specjalment fejn jirrigwarda s-subinciz (2) tal-artikolu 330.

Issa jekk l-atturi se jghidu li l-klawsola 7 nisslet servitu` ghax kienet inserita fl-att pubbliku tas-7 ta' Settembru 2005, allura din il-Qorti se tghid li dik il-klawsola kienet taghmel stat fir-rigward ta' dak il-kuntratt izda fejn si trattava ta' terzi ma kien hemm xejn registrat skond l-Art.458 tal-Kap.16 fir-rigward tal-fond 85 li kien juri li kien gravat b'servitu` a favur tal-fond 83.

Fil-kuntest tal-premess, din il-Qorti tghid, b'riferenza ghar-risultanzi processwali u ghas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet, li l-klawsola 7 tal-kuntratt tas-7 ta' Settembru 2005 ma tistax titqies bhala servitu` praedjali ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, mhix ezercibbli *erga omnes,* u ghalhekk m'ghandha l-ebda effett fuq il-kuntratt tat-13 ta' Gunju 2007.

Hija fehma ta' din il-Qorti li ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, dik il-klawsola tinkorpora obbligazzjoni personali u limitata ghall-isfera tad-drittijiet u obbligi bejn l-atturi u l-konvenuti konjugi Cardona.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza hekk -**

**1. Tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Louis Muscat, u cioe' dik preliminari, u tillibera lill-istess Louis Muscat mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez ghall-atturi, waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-istess konvenut.**

**2. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Cardona.**

**3. Tilqa' l-eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza.**

**4. Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi limitatament fejn din tirrigwarda l-obbligi tal-konvenuti Joseph u Carmen konjugi Cardona naxxenti mill-kuntratt tas-7 ta' Settembru 2005**

**5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni, in vista tal-premess, tat-tieni u tat-tielet talbiet attrici, salv u mpregudikat kull dritt iehor spettanti lill-atturi skond il-ligi.**

**6. Tordna li l-atturi ghandhom ibatu wahedhom l-ispejjez tal-konvenut Louis Muscat, filwaqt li, minhabba c-cirkostanzi partikolari u specjali tal-kaz, l-atturi u l-kjamata fil-kawza ghandhom ibatu l-ispejjez taghhom.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------